



Brussell, 22 ta' Ottubru 2019  
(OR. en)

13243/19

---

**Fajl Interistituzzjonali:**  
**2019/0187(COD)**

---

**CODEC 1505**  
**PECHE 455**  
**PREP-BXT 169**  
**PE 244**

## **NOTA TA' INFORMAZZJONI**

|          |                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                          |
|----------|----------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|
| minn:    | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                         |
| lil:     | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                            |
| Suġġett: | Proposta għal REGOLAMENTO TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolament (UE) 2017/2403 fir-rigward tal-awtorizzazzjonijiet tas-sajd għall-bastimenti tal-Unjoni fl-ilmijiet tar-Renju Unit u għall-operazzjonijiet tas-sajd tal-bastimenti tas-sajd tar-Renju Unit fl-ilmijiet tal-Unjoni<br>– Eżitu tal-ewwel qari tal-Parlament Ewropew<br>(Strasburgu, mill-21 sal-24 ta' Ottubru 2019) |

## **I. INTRODUZZJONI**

Fit-2 ta' Ottubru 2019, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti kkonferma li jekk il-Parlament Ewropew japprova l-proposta tal-Kummissjoni mingħajr emendi, il-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew.

Fl-4 ta' Ottubru 2019, ir-relatur, Chris DAVIES (Renew, UK), ippreżenta rapport fisem il-Kumitat għas-Sajd, bl-għan li tiġi aċċettata l-proposta tal-Kummissjoni msemmija hawn fuq.

## II. VOT

Il-Parlament adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari fit-22 ta' Ottubru 2019 billi aċċetta l-proposta tal-Kummissjoni mingħajr emendi<sup>1</sup>. Din il-pożizzjoni tinsab fir-risoluzzjoni leġislattiva tiegħu.

Għalhekk il-Kunsill għandu jkun f'pożizzjoni li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew kif tinsab fl-Anness għal dan id-dokument, u b'hekk jagħlaq l-ewwel qari għaż-żewġ Istituzzjonijiet.

L-att leġislattiv imbagħad jiġi adottat bil-formulazzjoni li tikkorrisponi għall-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew.

---

---

<sup>1</sup> Għal raġunijiet proċedurali, żdiedet premessa ġdida li tispjega l-eċċezzjoni għall-perijodu ta' tmien ġimgħat biex jiġi kkonsultati l-Parlamenti nazzjonali fid-dawl tal-urġenza li tirriżulta mill-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni.

**Awtorizzazzjonijiet tas-sajd għall-bastimenti tal-Unjoni fl-ilmijiet tar-Renju Unit u għall-operazzjonijiet tas-sajd tal-bastimenti tas-sajd tar-Renju Unit fl-ilmijiet tal-Unjoni \*\*\*I**

**Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tat-22 ta' Ottubru 2019 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 2017/2403 fir-rigward tal-awtorizzazzjonijiet tas-sajd għall-bastimenti tal-Unjoni fl-ilmijiet tar-Renju Unit u għall-operazzjonijiet tas-sajd tal-bastimenti tas-sajd tar-Renju Unit fl-ilmijiet tal-Unjoni (COM(2019)0398 – C9-0110/2019 – 2019/0187(COD))**

**(Proċedura leġislattiva ordinarja: l-ewwel qari)**

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2019)0398),
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 43(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C9-0110/2019),
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
  - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Komitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tal-25 ta' Settembru 2019<sup>1</sup>,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 59 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Komitat għas-Sajd (A9-0014/2019).
1. Jadotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;

---

<sup>s</sup> Għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali.

2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b'mod sustanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b'mod sustanzjali;
3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

**Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fit-22 ta' Ottubru 2019 bil-ħsieb tal-adozzjoni tar-Regolament (UE) 2019/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 2017/2403 fir-rigward tal-awtorizzazzjonijiet tas-sajd għall-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni fl-ilmijiet tar-Renju Unit u għall-operazzjonijiet tas-sajd tal-bastimenti tas-sajd tar-Renju Unit fl-ilmijiet tal-Unjoni**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 43(2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew<sup>1</sup>,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja<sup>2</sup>,

Billi:

---

<sup>1</sup> Opinjoni tal-25 ta' Settembru 2019 (għadha mhijiex ippubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali).

<sup>2</sup> Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tat-22 ta' Ottubru 2019.

- (1) Fid-29 ta' Marzu 2017 ir-Renju Unit ippreżenta n-notifika tal-intenzjoni tiegħu li joħroġ mill-Unjoni skont l-Artikolu 50 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE). It-Trattati jieqfu japplikaw għar-Renju Unit mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' ftehim dwar il-ħruġ jew, fin-nuqqas ta' dan, sentejn wara li tkun saret dik in-notifika, sakemm il-Kunsill Ewropew, bi qbil mar-Renju Unit, ma jiddeċidix b'mod unanimu li jestendi dak il-perjodu.
- (2) Wara talba mir-Renju Unit, il-Kunsill Ewropew ikkonċeda l-ewwel estensjoni fit-22 ta' Marzu 2019<sup>3</sup>. Fil-11 ta' April 2019, wara talba mir-Renju Unit, il-Kunsill Ewropew qabel<sup>4</sup> li jestendi aktar il-perjodu previst fl-Artikolu 50(3) tat-TUE sal-31 ta' Ottubru 2019. Sakemm ma jidħolx fis-seħħ ftehim dwar il-ħruġ, konkluż mar-Renju Unit, sal-jum wara dak li fih it-Trattati jieqfu japplikaw għar-Renju Unit, jew il-Kunsill Ewropew, bi qbil mar-Renju Unit, ma jiddeċidix b'mod unanimu li jestendi l-perjodu previst fl-Artikolu 50(3) tat-TUE għat-tielet darba, il-perjodu previst fl-Artikolu 50(3) tat-TUE se jintemm fil-31 ta' Ottubru 2019, u r-Renju Unit se joħroġ mill-Unjoni mingħajr ftehim u mill-1 ta' Novembru 2019 se jsir pajjiż terz.

---

<sup>3</sup> Deċiżjoni tal-Kunsill Ewropew (UE) 2019/476 meħuda bi qbil mar-Renju Unit, tat-22 ta' Marzu 2019 li testendi l-perijodu taħt l-Artikolu 50(3) TUE (ĠU L 80 I, 22.3.2019, p. 1).

<sup>4</sup> Deċiżjoni tal-Kunsill Ewropew (UE) 2019/584 meħuda bi qbil mar-Renju Unit tal-11 ta' April 2019 li testendi l-perjodu taħt l-Artikolu 50(3) TUE (ĠU L 101, 11.4.2019, p. 1).

- (3) Il-Ftehim dwar il-Ħruġ ippublikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* fil-25 ta' April 2019<sup>5</sup> (il-'Ftehim dwar il-Ħruġ') jinkludi arranġamenti għall-applikazzjoni ta' dispożizzjonijiet tal-liġi tal-Unjoni għar-Renju Unit wara d-data li fiha t-Trattati jiefqu japplikaw għar-Renju Unit. Jekk il-Ftehim dwar il-Ħruġ jidħol fis-seħħ, il-politika komunitas-sajd (PKS) se tapplika għar-Renju Unit matul il-perjodu ta' tranżizzjoni skont il-Ftehim dwar il-Ħruġ u se tieqaf tapplika fi tmiem dak il-perjodu.
- (4) Kif previst fil-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar tal-10 ta' Diċembru 1982<sup>6</sup> u fil-Ftehim fuq l-implimentazzjoni tad-disposizzjonijiet tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti fuq il-Liġi tal-Baħar tal-10 ta' Diċembru 1982 dwar il-konservazzjoni u l-amministrazzjoni ta' ħażniet ta' ħut li jpassu f'żona limitata (straddling) u ħażniet ta' ħut li jpassu ħafna (highly migratory) tal-4 ta' Awwissu 1995<sup>7</sup>, il-partijiet huma obbligati li jiżguraw, permezz ta' miżuri xierqa ta' konservazzjoni u ġestjoni, li r-riżorsi haġġin tal-baħar jinżammu f'livelli fejn ma jkunux fil-periklu minħabba l-isfruttament żejjed.

---

<sup>5</sup> Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill- Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (ĠU C 144 I, 25.4.2019, p. 1).

<sup>6</sup> Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar u l-Ftehim tat-28 ta' Lulju 1994 dwar l-implimentazzjoni tal-Parti XI tagħha (*ĠU L 179, 23.6.1998, p. 3*).

<sup>7</sup> ĠU L 189, 3.7.1998, p. 16.

- (5) B'konsegwenza ta' dan, jeħtieġ li jiġi żgurat li l-opportunitajiet ta' qbid ikkombinati disponibbli għall-Unjoni u għar-Renju Unit jiżguraw ġestjoni sostenibbli tal-istokkijiet rilevanti.
- (6) Ir-Regolament (UE) 2017/2403 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>8</sup> jistabbilixxi r-regoli għall-ħruġ u għall-ġestjoni tal-awtorizzazzjonijiet tas-sajd għall-bastimenti tas-sajd f'ilmijiet taħt is-sovranià jew il-ġurisdizzjoni ta' pajjiż terz u għall-bastimenti tas-sajd ta' pajjiż terz biex iwettqu attivitajiet tas-sajd fl-ilmijiet tal-Unjoni.
- (7) Ir-Regolament (UE) 2019/498 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>9</sup> emenda r-Regolament (UE) 2017/1403 fir-rigward tal-awtorizzazzjonijiet tas-sajd għall-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni fl-ilmijiet tar-Renju Unit u għall-operazzjonijiet tal-bastimenti tas-sajd tar-Renju Unit fl-ilmijiet tal-Unjoni. B'hekk dik l-emenda tippermetti li l-bastimenti tal-Unjoni u tar-Renju Unit ikomplu jkollhom il-possibbiltà li jaċċessaw l-ilmijiet ta' xulxin biex iwettqu attivitajiet tas-sajd. Ġiet prevista wkoll sistema flessibbli li permezz tagħha l-Unjoni tista' tiskambja kwoti mar-Renju Unit wara li t-Trattati jiefqu japplikaw għar-Renju Unit. Jeħtieġ li jiġi estiż il-perjodu ta' applikazzjoni ta' dawk id-dispożizzjonijiet biex jippermetti l-ħruġ ta' awtorizzazzjonijiet għal attivitajiet tas-sajd fl-ilmijiet ta' xulxin f'każ li ma jiġi konkluż l-ebda ftehim dwar is-sajd mar-Renju Unit bħala pajjiż terz, dejjem jekk il-ġestjoni tal-istokkijiet rilevanti tibqa' sostenibbli u tikkonforma mal-kundizzjonijiet stabbiliti fir-regoli tal-PKS u fir-Regolamenti tal-Kunsill li jiffissaw l-opportunitajiet tas-sajd.

---

<sup>8</sup> Regolament (UE) 2017/2403 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2017 dwar il-ġestjoni sostenibbli ta' flotot tas-sajd esterni, u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1006/2008 (ĠU L 347, 28.12.2017, p. 81).

<sup>9</sup> ĠU L 85 I, 27.3.2019, p. 25.

- (8) L-opportunitajiet tas-sajd għall-2019, u għall-istokkijiet tal-ħut tal-baħar fond għall-2019 u għall-2020, ġew iffissati<sup>10</sup> meta r-Renju Unit kien għadu Stat Membru. Dawk l-opportunitajiet tas-sajd jipprovdu l-bażi għas-sostenibbiltà ta' dawk l-attivitajiet tas-sajd. Għall-opportunitajiet tas-sajd l-oħra kollha għall-2020, huwa essenzjali li tiġi żgurata s-sostenibbiltà tal-opportunitajiet tas-sajd.
- (9) Jekk il-Ftehim dwar il-Ħruġ ma jiġix ratifikat sal-31 ta' Ottubru 2019, u jekk ir-Renju Unit joħroġ mill-Unjoni fl-1 ta' Novembru 2019, jista' ma jkunx fattibbli għall-Unjoni u għar-Renju Unit li jikkonkludu arranġament komuni dwar l-opportunitajiet tas-sajd għal stokkijiet ikkonċernati għall-2020 fi żmien biżżejjed għal-laqgħa tal-Kunsill tal-Ministri tas-Sajd f'Diċembru tal-2019, meta qed jiġi ppjanat li jiġu ffixxati l-opportunitajiet tas-sajd għas-sena ta' wara. Madankollu, in-nuqqas, bħala tali, ta' arranġament komuni ma jimpedixxix lill-Unjoni u lir-Renju Unit milli jagħtu aċċess għall-ilmijiet ta' xulxin. F'dak il-każ, iż-żewġ partijiet ikunu jistgħu joħroġu awtorizzazzjonijiet tas-sajd għall-bastimenti tas-sajd tal-parti l-oħra, sakemm iż-żewġ partijiet jissodisfaw il-kundizzjonijiet għall-ġestjoni sostenibbli tal-istokkijiet rilevanti.

---

<sup>10</sup> Regolament tal-Kunsill (UE) 2019/124 tat-30 ta' Jannar 2019 li jistabbilixxi għall-2019 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut u ċerti gruppi ta' stokkijiet tal-ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni (ĠU L 29, 31.1.2019, p. 1) u r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2018/2025 tas-17 ta' Diċembru 2018 li jiffissa l-opportunitajiet tas-sajd għall-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni għal ċerti stokkijiet ta' ħut tal-baħar fond għall-2019 u għall-2020 (ĠU L 325, 20.12.2018, p. 7).

- (10) Għalhekk, fid-dawl tad-dispożizzjonijiet u tal-kundizzjonijiet stabbiliti fir-Regolament (UE) 2017/2403, u bħala prerekwiżit għall-ħruġ ta' awtorizzazzjonijiet tas-sajd, l-Unjoni se jkollha bżonn tivvaluta jekk l-effett ikkombinat tal-operazzjonijiet tas-sajd li jiġi stabbilit fil-miżuri ta' ġestjoni introdotti mill-Unjoni u mir-Renju Unit għall-2020 jikkonformax mal-ġestjoni sostenibbli tal-istokkijiet ikkonċernati.
- (11) Il-konsistenza tal-opportunitajiet ta' sajd ikkombinati tal-Unjoni u tar-Renju Unit mal-ġestjoni sostenibbli tal-istokkijiet ikkonċernati trid tiġi vvalutata fid-dawl tal-aqwa parir xjentifiku disponibbli għall-istokkijiet ikkonċernati, tad-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>11</sup> kif ukoll tal-kriterji u l-parametri stabbiliti fil-pjanijiet ta' ġestjoni applikabbli fis-seħħ u r-Regolamenti tal-Kunsill rilevanti li jiffissaw l-opportunitajiet tas-sajd għall-2020.
- (12) F'każ li tista' tiġi żgurata tali konsistenza, huwa importanti li tinżamm il-possibbiltà li l-Unjoni u r-Renju Unit jagħmlu arranġamenti fejn il-bastimenti tas-sajd rispettivi tagħhom ikomplu jaċċessaw l-ilmijiet ta' xulxin fl-2020 biex iwettqu attivitajiet tas-sajd, fid-dawl tal-importanza tas-sajd għall-għajxien ekonomiku ta' bosta komunitajiet kostali.

---

<sup>11</sup> Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22).

- (13) Għalhekk, jenħtieġ li l-applikazzjoni tal-miżuri kollha li jikkonċernaw l-operazzjonijiet tas-sajd previsti fil-miżuri ta' kontinġenza adottati taħt ir-Regolament (UE) 2019/498 tiġi estiża biex tkopri s-sena 2020, u jenħtieġ li r-Regolament (UE) 2017/2403 jiġi emendat skont dan.
- (14) Il-kamp ta' applikazzjoni territorjali ta' dan ir-Regolament u kull referenza fih għar-Renju Unit ma jinkludux lil Ġibiltà.
- (15) Jenħtieġ li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ b'urġenza u li japplika fid-data ta' wara dik li fiha t-Trattati jiefqu japplikaw għar-Renju Unit, sakemm sa dik id-data ma jkunx daħal fis-seħħ ftehim dwar il-ħruġ konkluż mar-Renju Unit. Jenħtieġ li japplika sal-31 ta' Diċembru 2020.
- (16) Minħabba l-urġenza li jgħib miegħu l-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni, tqies xieraq li tiġi pprovduta eċċezzjoni għall-perjodu ta' tmien ġimgħat imsemmi fl-Artikolu 4 tal-Protokoll Nru 1 dwar ir-rwol tal-Parlamenti nazzjonali fl-Unjoni Ewropea, anness mat-TUE, mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika.
- (17) Sabiex kemm l-operaturi tal-Unjoni kif ukoll daww tar-Renju Unit ikunu jistgħu jkomplu jistadu skont l-opportunitajiet tas-sajd rilevanti allokat lihom, jenħtieġ li l-awtorizzazzjonijiet tas-sajd għall-attivitajiet fl-ilmijiet tal-Unjoni jingħataw biss lill-bastimenti tas-sajd tar-Renju Unit jekk u sa fejn il-Kummissjoni tkun sodisfatta li, fuq il-bażi tar-reċiproċità, ir-Renju Unit jagħti drittijiet ta' aċċess lill-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni biex iwettqu operazzjonijiet tas-sajd fl-ilmijiet tar-Renju Unit,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Ir-Regolament (UE) 2017/2403 huwa emendat kif ġej:

- (1) Fl-Artikolu 18a, id-data “31 ta’ Diċembru 2019” hija sostitwita b’“31 ta’ Diċembru 2020”.
- (2) Fl-Artikolu 38a, id-data “31 ta’ Diċembru 2019” hija sostitwita b’“31 ta’ Diċembru 2020”.
- (3) L-Artikolu 38b huwa sostitwit b’dan li ġej:

*“Artikolu 38b*

**Operazzjonijiet tas-sajd minn bastimenti tas-sajd tar-Renju Unit**

Il-bastimenti tas-sajd tar-Renju Unit jistgħu jwettqu operazzjonijiet tas-sajd fl-ilmijiet tal-Unjoni f’konformità mal-kondizzjonijiet stabbiliti fir-Regolamenti tal-Kunsill li jiffissaw l-opportunitajiet tas-sajd għall-2019 u l-2020, sakemm l-opportunitajiet tas-sajd ikkombinati stabbiliti kemm mill-Unjoni kif ukoll mir-Renju Unit jikkonformaw mal-ġestjoni sostenibbli tal-istokkijiet rilevanti skont ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013.”.

- (4) Fl-Artikolu 38c(2), il-punt (f) huwa sostitwit b’dan li ġej:

“(f) fejn applikabbli, l-opportunitajiet tas-sajd huma disponibbli għar-Renju Unit skont l-Artikolu 38b.”.

## *Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mid-data ta' wara dik li fiha t-Trattati jiefqu japplikaw għar-Renju Unit skont l-Artikolu 50(3) tat-TUE sal-31 ta' Diċembru 2020.

Madankollu, dan ir-Regolament ma għandux japplika jekk ikun daħal fis-seħħ ftehim dwar il-ħruġ konkluż mar-Renju Unit skont l-Artikolu 50(2) tat-TUE sad-data ta' wara dik li fiha t-Trattati jiefqu japplikaw għar-Renju Unit.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi ...,

*Għall-Parlament Ewropew*

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

*Il-President*

---